Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9242 — EDF/Ares/Real estate asset)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 22/06)

1. Fl-14 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Electricité de France SA ("EDF", Franza),

— Ares Management Corporation ("Ares", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— assi ta' proprjetà immobbli li jinsab f'Düsseldorf (il-Ġermanja).

EDF u Ares jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tar-Real estate asset kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EDF: kumpanija tal-enerġija integrata attiva fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-kummerċ ta' enerġiji fi Franza u internazzjonalment,

— Ares: maniġer tal-assi alternattivi dinjija, li tinvesti, fost oħrajn, fil-proprjetà immobbli, u li għandha propjetajiet residenzjali, tal-ħwienet, ta' uffiċċji u industrijali fl-Ewropa.

— Real estate asset: kumpless ta' uffiċċji li jinsab f'Düsseldorf, il-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9242 — EDF/Ares/Real estate asset

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.